# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr Vincent Galea M.A., LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 31 ta' Ottubru, 2016**

**Talba Nru: 168/2016/VG**

**Carmelo FENECH [ID. Nru. 476750M]**

**Vs**

**Benny BORG u Joseph BORG**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mir-rikorrenti fis-6 ta' Mejju, 2016** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' disa' mija hamsa u ghoxrin euro [€925] u dan wara li ppremetta hekk:

> "Qed jigi mitlub sabiex l-intimati jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' €925 rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta f'dawn l-ahhar hames snin fuq il-fond 46, Stivala Street, Mosta, okkupat mill-istess intimati.

> Bl-ispejjes kontra l-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-interessi legali sad-data tal-eventwali pagament effettiv ghas-saldu"

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fil-21 ta' Gunju, 2016 u li permezz taghha gie eccepiet hekk:

> "Illi l-konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi d'din it-talba/talbiet.
>
> Illi ma tezisti ebda relazzjoni guridika bejnhom u bejn l-attur u huma qatt ma krew ebda proprjeta minghandu jew minghand l-awturi jew predecessuri tieghu;
>
> Illi huma qatt ma abitaw fl-indirizz 46, Stivala Street, Mosta;
>
> Illi huwa evidenti li l-attur qieghed ihawwad, jew jivvinta jew qieghed jipprova jsib tarf tan-nuqqas ta' nformazzjoni li ghandu.
>
> Ghal dawn il-motivi u ghal ragunijiet ohra li jistghu jirrizultaw, il-konvenuti jitolbu lil dan it-tribunal joghgbu jichad it-talbiet attrici bl-ispejjez kollha kontra l-attur"

Ra l-verbal tas-6 ta' Lulju, 2016 fejn l-intimati, fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk qabel in-numru "5" kienx jaqra "46" wiegbu u qalu li qatt ma kien "46" u li la huma u lanqas ommhom qatt ma marru ghand ir-rikorrenti jew ghand ommu b'xi forma ta' hlas. Ra li din id-dikjarazzjoni giet ikkonfermata bil-gurament fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016 mill-intimat Joseph Borg.

Ra l-verbal datat 6 ta' Ottubru, 2016 fejn it-Talba giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra;

1. Ir-rikorrenti permezz tat-talba odjerna qieghed jitlob il-hlas minghand l-intimati tas-somma ta' €925 rapprezentanti arretrati ta' kera dovuta f'dawn l-ahhar snin fuq il-fond 46, Stivala Street, Mosta, okkupata mill-istess intimati. L-intimati laqghu ghal din it-talba billi qalu li huma ma humiex il-legittimi kontradditturi u li ma tezisti l-ebda relazzjoni guridika bejnhom u bejn ir-rikorrenti u li huma qatt ma krew ebda proprjeta minghandu jew minghand l-awturi jew predecessuri tieghu. Di piu, huma iddikjaraw li qatt ma abitaw fl-indirizz 46, Stivala Street, Mosta u li kien evidenti li r-rikorrenti kien qieghed ihawwad, jew jivvinta jew qieghed jipprova jsib tarf tan-nuqqas ta' informazzjoni li ghandu. Ghalhekk talbu li din it-Talba tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Ikkunsidra ulterjorment;

2. Din il-kawza tirrivolvi dwar jekk il-fond 46, Stivala Street, Mosta, huwiex l-istess fond fejn jirrisjedu l-intimati u cioe il-fond 5, Stivala Street, Mosta.

3. L-intimati jirrisjedu fil-fond bin-numru "5", Stivala Street, Mosta.

4. Ghal xi raguni li ma hijiex spjegabbli mill-atti processwali, filwaqt li fuq l-ewwel faccata tat-Talba hemm l-indirizz "46, Stivala Street, Mosta" bhala l-indirizz ta' l-intimati, fil-*folder* li hemm a fol. 5 tal-process, jirrizulta li hemm l-indirizz "*5, Stivala Street, Mosta*".

5. L-intimati dejjem cahdu li dawn iz-zewg fondi huma l-istess, tant li fis-seduta tas-6 ta' Lulju, 2016 fuq mistoqsija tat-Tribunal jekk qabel in-numru "5" kienx jaqra "46" huma wiegbu u qalu li qatt ma kien "46" u li la huma u lanqas ommhom qatt ma marru ghand ir-rikorrenti jew ghand ommu b'xi

forma ta' hlas. Din id-dikjarazzjoni giet ikkonfermata bil-gurament fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2016 mill-intimat Joseph Borg.

6. Ir-rikorrenti da parti tieghu qal li huwa jaf lill-intimati u li omm dawn ta' l-ahhar kienet thallas il-kera tad-dar lill-ommu izda mbaghad hija waqfet milli taghmel dan. Huwa qal li omm l-intimati kienet thallas lill-ommu c-cens tal-fond 46, Stivala Street, Mosta. Kompla jghid li "*dan in-numru 46 ma baqghax jezisti l-ghaliex sar ir-renumbering u llum huwa n-numru 5*" (fol. 19).

7. Savio Borg, rapprezentant tal-Kummissjoni Elettorali qal li qabel is-sena 1951, in-numru 46 kien 44.

   Mistoqsi ghar-rigward tal-fond bin-numru 5 u jekk dan kienx xi darba jaqra "46" huwa qal li l-fond bin-numru "5" qabel u cioe fis-sena 1951 kien jaqra "62" u li qabel is-sena 1951 dan il-bieb ma kellhux numru. Ix-xhud ghadda ukoll sabiex esebixxa diversi dokumenti in konnessjoni mar-renumbering tal-bibien fi Triq Stivala, Mosta.

8. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li n-numru "5" tfacca l-ewwel darba f'Stivala Street fis-sena 2001 (dok. SB2). Bejn is-sena 1951 u s-sena 2001 dan in-numru "5" kien jaqra "62" (dok. SB1). Qabel is-sena 1951, in-numru "62" ma kienx jezisti u l-fond li inghata dak in-numru "62" fis-sena 1951, li imbaghad gie "5" fl-2001 ma kellux numru.

9. Interessanti ukoll dak li qal ix-xhud Savio Borg ghar-rigward tal-fond numru 46 u cioe li mill-ahhar registru elettorali ta' April, 2016 ma jirrizultax li f'dan il-fond jirrisjedu xi nies. Kieku kien hemm, kienu jkunu registrati fuq ir-registru elettorali.

10. Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa l-eccezzjonijiet ta' l-intimati qieghed jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kollha kontra tieghu.

**Vincent Galea M.A., LL.D.**
**Gudikatur**

**Mary Josette Musu**
**Deputat Registratur**